MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Numru. 4/2010

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Spiteri ta’ 40 sena bin Gregory u Elisabeth nee’ Hili imwieled Rabat (Ghawdex) nhar il-24 ta’ Ottubru 1971, residenti fil-fond Bonanza Jackpot, Triq is-Sarg, Kercem detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 26671(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Joseph Spiteri li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-25 ta’ Marzu 2009 ghal habta tas-siegha (1300hrs) gewwa l-inhawi maghrufa bhala Wied tal-Ghajjun limiti tax-Xaghra, u is-snin ta’ qabel:

a. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta’ kull licenzja li tinghata tahtha u dana bi ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

b. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija l-Iskeda II ta’l-Avviz Legali 79 tal-2006 u dana bi skur ta’ l-artikolu 5(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006.

c. Ukoll talli l-istess data u cirkostanzi waqt l-istagun maghluq ghal kacca ta’l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr minuzzjon jew arma tan-nar barra l-ghata taghha jigifieri arma tan-nar (shotgun) tal-marka Breda bin-numru serjali No. A11792 u dana bi ksur ta’ l-artikolu 18(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006.

d. Waqt l-istagun mahluq ghat-tehid ta’ l-ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur u dana bi skur ta’l-artikolu 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tal-2006.

e. Zamm lil xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht dawn ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi (A.L.79 ta’l-2006) kontra id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti liema ghasafar ma kenux iddikjarati u registrati mal-Awtorita kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u minghajr ma kien inghata l-permessi, jew ic-certifikati mill-Awtorita Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur (regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat bl-A.L.39 ta’l-2007 u l-A.L. 280 tal-2007);

f. Zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin l-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi (A.L. 79 tal-2006 regolament 4(1)(f) ra’l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat bl-A.L. 39 tal-2007 u l-A.L.280 tal-2007);

g. Kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti ta’ l-2006 dwar il-konservazzoni ta’l-ghasafar selvaggi (A.L.79 ta’ l-2006) u li ma kenux gew irregistrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat (regolament 21(5) ta’ l-A.L. 79 ta’l-2006 hekk kif emendat);

h. Ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-subregolament (1)(e) tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi minghajr ma ghamel talba lid-Direttur u dan bi ksur tal-Artikolu 4(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006, hekk kif emendat

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fil-jum tal-25 ta' Marzu 2009 ghal habta tas-siegha ta' wara nofs in-nhar filwaqt illi l-ispetturi Josric Mifsud u Frank Tabone akkompnajati mil-PC60 John Grima kienu qed jaghmlu ronda fl-inhawi maghrufa bhala Tan-Nuffara limiti tax-Xaghra huma semghu xi tiri gejjn minn arma tan-nar. Minn stharrig illi ghamlu fuq il-post u precisament hekk kif waslu fi Triq Wied tal-Ghejjun innotaw vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni CBD772. Meta giet imwaqqfa dina l-vettura irrizulta illi kien hemm fiha l-imputat li kien qieghed isuq u martu. Minn tfittxija li saret fil-vettura l-ufficjali tal-pulizija elevaw shotgun tal-ghamla Breda bin-numru serjali A117924 kif ukoll zewg skratac ta' kulur ahdar. Dina l-arma tan-nar fil-fatt hija registrata fuq isem Gregory Spiteri missier l-imputat.

Wara dana l-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat minn fejn gew elevati numru sostanzjali ta' ghasafar ibbalzmati li kienu proprjeta tal-imputat. Illi mix-xhieda ta' Stanley Gatt, Senior Environment Protection Officer fi hdan l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jirrizulta illi fl-1998 u fl-2003, l-imputat kien iddikjara zewg kollezzjonijiet ta' ghasafar ibbalzmati.[1] Illi l-pulizija madanakollu elevat l-ammont ta' 25 tajra mill-pussess tal-imputat kif jidher mill-elenku maghmul mill-

[1] Ara dikjarazzjonijiet Dokumenti SG1 u SG2 a fols. 21 u 24

istess Gatt.[2] Illi minn ezami tat-tajr maqbud u d-dikjarazzjoni maghmula mill-imputat fl- 2003, (li skond l-istess imputat kienet teghleb dik tal-1998) hargu s-segwenti rizultanzi:
1. kien hemm l-ammont ta' 4 tajriet li ma kinux iddikjarati fid-Dokument SG2 u cioe' d-dikjarazzjoni maghmula mill-imputat mal-Awtorita fl-2003. Dana huwa tajr protett bil-ligi u ghalhekk ma setax ikun fil-pussess tal-imputat minghajr id-debita awtorizazzjoni. Tajra partikolari u cioe' c-cirlewwa sewda hija mharsa b'mod specjali bil-ligi taht l-Iskeda I tal-Avviz Legali 79 tal-2006[3].
2. kien hemm ukoll numru konsiderevoli ta' tajr, b'kollox 21, illi minkejja li kien gie ddikjarat mill-imputat fid-dikjarazzjoni tal-2003, dawn ma kenux aktar fil-pussess tieghu u ghalhekk huwa kien iddispona minnhom minghajr id-debita awtorizazzjoni.[4]

Illi dwar l-ewwel erba' akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat u cioe' l-akkuzi dwar il-kacca illegali ghandu jinghad is-segwenti. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat gie intercettat fil-kampanja fi zmien meta l-istagun tal-kacca kien maghluq u fil-pussess tieghu instab shotgun u anke munizzjon. Madanakollu ma nstabu l-ebda tjur fil-pussess tieghu. It-tajt ibbalzmat kollu gie elevat mir-residenza tal-imputat. Illi l-artikolu 15 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 jipprovdi:

"Sakemm ma tingiebx prova kuntrarja, kull persuna li bejn saghtejn qabel tlugh ix-xemx u saghtejn wara nzul ix-xemx, jew matul xi stagun maghluq tinsab barra fil-miftuh, fil-kampanja, sew jekk fuq l-art tieghu sew jekk fuq l-art ta' xi persuna ohra, jew ukoll barra minn dik l-art, jew tinsab fuq il-bahar iggorr arma tan-nar jew munizzjoni ghat-tehid tal-kacca, hija ghandha titqies li tkun qieghda tfittex jew iddur ghall-ghasafar."

Illi l-imputat ma jixhidx f'dawn il-proceduri u ma jressaqx provi sabiex jirribatti l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni. Kwindi l-presunzjoni maghmula fir-regolament 15 ghandu

[2] Ara Dokument SG3 a fol.28
[3] Ara Dokument SG4 a fol.31
[4] Ara Dokument SG5 a fol.32

japplika f'dan il-kaz fil-konfront tal-imputat. Madanakollu kif inghad iktar 'il fuq fil-pussess tal-imputat ma nstab l-ebda tajr u kwindi l-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi l-imputat kien qieghed jikkaccja ghal xi tajr protett bil-ligi. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax issib htija fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi l-Qorti tirrileva illi l-arma tan-nar u l-munizzjoni li nstab fil-pussess tal-imputat qatt ma gew esebiti in atti u kwindi l-Qorti ma tistax tghaddi ghal konfiska tal-istess.

Illi madanakollu l-akkuzi l-ohra jirrizultaw ampjament ippruvati. Madanakollu billi whud mill-akkuzi huma komprizi u nvoluti f'xulxin, il-Qorti sejra tghaddi biex tapplika dak dispost fl-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e)(f), 4(2), 15, 18(1)(a)(c), 21(5), 27(2)(a),(3)(a), l-Iskeda I u III tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif sussegwentment emendat bl-Avvizi Legali 39 tal-2007 u 280 tal-2007 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi u tikkundannah multa ta' €700.

Il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca tal-imputat ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-ghasafar indikati fid-Dokument SG4.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------